**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 26 ta' Mejju, 2016**

Numru 14

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 438/2015**

**King.com Limited**

**vs**

**Dr. Louis Cassar Pullicino nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil Storm8 Studios LLC, entita' estera ta' nazzjonalita' Amerikana registrata fl-Istat ta' Delaware fl-Istati Uniti tal-Amerika bin-numru tal-file relattiv 5681701 u b'indirizz fl-Istat ta' Delaware ta' Incorporating Services, Ltd., 3500 South Dupont Highway, Dover, Delaware 19901 fl-Istati Uniti tal-Amerika, oltre ghal indirizz operattiv li jinsab f'1000 Bridge Pkwy, Redwood City, CA 94065, fl-Istati Uniti tal-Amerika b'digriet tal-25 ta' Mejju 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta Storm8 Studios LLC tal-25 ta' April 2016 wara d-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' April 2016 li akkordat numru ta' mizuri provizorji u protettivi lis-socjeta King.com Limited ai termini tal-artikolu 104(3) tar-regolament KE 207/2009;

Rat ir-risposta tas-socjeta King.com Limited tad-9 ta' Mejju 2016 li opponiet ghat-talbiet ta' Storm8 Studios u talbet li t-termini imposti fid-digriet tat-18 ta' April 2016 jigu mqassra;

Semghet lil partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghal digriet

**Ikkunsidrat**

**Talba biex jinghata permess ta' appell a bazi tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12**

Is-socjeta Storm8 Studios qed titlob fl-ewwel lok li tinghata permess li tappella mid-digriet a bazi tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12. Din il-Qorti tqis illi tali permess specjali kif jistipula l-artikolu 229(3) hu rimedju eccezzjonali u mhux ordinarju li l-Qorti ghandha dritt taghti f'cirkostanzi li l-Qorti tqis bhala gusti u ekwi li hekk taghmel. Il-Qorti tqis illi l-artikolu 230 tal-Kap. 12 jghid li digrieti interlokutorji, kif inhu dan, ma jaghmilx gudikat u l-Qorti li tkun tathom tista' titbieghed minnhom meta tingieb raguni tajba. Dan hu fil-fatt dak li riservat l-istess Qorti fl-ahhar parti tad-digriet taghha tat-18 ta' April 2016.

Il-Qorti tqis illi d-digriet tat-18 ta' April 2016 inghata f'sitwazzjoni ta' soprasessjoni ta' kawza ghal zmien indefinit minhabba l-ezitu ta' proceduri mehudin fl-esteru quddiem l-EUIPO gia OHIM fuq il-validita ta' trademark li tifforma parti mill-kawza quddiem din il-Qorti u li dwarha nghata d-digriet ta' soprasessjoni minn din il-Qorti kif preseduta. Id-digriet ma jirrigwardax il-mertu izda mizuri protettivi li fil-fehma tal-Qorti f'dak iz-zmien dehrilha gusti li timponi ghal perjodu ta' soprasessjoni. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqis illi r-rimedju mitlub ghal appell mid-digriet hu ekwu u gust fic-cirkostanzi billi l-element taz-zmien hu fattur ewlieni li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni f'sitwazzjoni simili. Dan jinghad meta l-istess Storm8 Studios ghandha l-opportunita li titlob revoka jew tibdil tad-digriet quddiem l-istess Qorti kif fil-fatt ghamlet f'dan il-kaz b'mod sussidjarju ghal permess biex isir appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Din il-Qorti ma thosshiex marbuta li jekk jirrizultaw fatturi jew konsiderazzjonijiet li jimmeritaw revoka jew riforma fid-digriet tat-18 ta' April 2016, dan ma ghandhiex taghmlu.

Ghalhekk it-talba biex isir appell mid-digriet tat-18 ta' April 2016 qed jigi michud.

**Mertu tar-rikors ghal riformi tad-digriet tat-18 ta' April 2016**

L-ewwel ilment tas-socjeta Storm8 Studios hu illi l-ordni tal-impozizzjoni tal-garanzija u z-zamma tad-dokumenti li jibqa' fis-sehh sa gimghatejn mindu l-Qorti tirrevoka l-ordni ta' soprasessjoni jew tinghata ordni mod iehor hi ultra vires billi kull ordni provvizorju skond ir-regolament ghandu jirrispetta biss iz-zmien tas-soprasessjoni. Din il-Qorti tqis illi ghalkemm is-socjeta King.com qieset li tista' tinghata l-interpretazzjoni li l-ordni ma tkoprix zmien wara l-gheluq tal-perjodu ta' soprasessjoni u ghalhekk hi permissibbli, din il-Qorti, wara li qieset l-ilment mill-perspettiva tas-socjeta Storm8 Studios u qari tar-regolament 104.3 jidhrilha illi l-ordni moghti fit-18 ta' April 2016 ghandu jintemm meta l-ordni ta' soprasessjoni tigi mnehhija mill-Qorti wara decizjoni finali fil-proceduri esteri u b'hekk tkun in linea mil-kliem tar-regolament. Il-Qorti tispjega illi d-digriet kien inhareg fis-sens li nghata biex ghal perjodu wara li tkun giet deciza l-vertenza estera l-partijiet ikunu jistghu jirregolaw ruhhom f'terminu qasir fuq l-effetti u konsegwenzi tad-decizjoni estera fuq il-validita tat-trademark hemm kostestata. Izda la darba s-socjeta Storm8 Studios qed tressaq l-oggezzjoni taghha, il-Qorti tqisha bhala legalment valida u qed tilqagha.

Is-socjeta Storm8 Studios wkoll tqis illi l-Qorti kienet kontradittorja meta ma sabitx li hemm lok ghal inibizzjoni skond il-principju ta' proporzjonalita u irreparabilita meta cahdet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni allura ma setghetx fl-istess nifs tqis bhala mizura proporzjonata u bilancjata ghad-drittijiet tal-partijiet l-impozizzjoni ta' garanzija dejjem skond il-principji ta' proporzjonalita u irreparabilita li ghandhom jigu applikati b'mod uniformi ghax il-fatti huma li kienu meta bdew il-proceduri ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u ma kien hemm ebda tibdil.

Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament ta' Storm8 Studios. Il-Qorti fid-digriet taghha tat-18 ta' April 2016 bniet il-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-prinicpji regolatrici ta' proporzjonalita, bilanc bejn id-drittijiet tal-partijiet u irreparabilita tal-hsara jekk ir-rimedji mitluba ma jigux moghtija. Pero dawn il-principji enuncjati fil-mandat ta' inibizzjoni jridu jigu applikati fl-isfond u b'referenza ghall-mizura li ghalih qed jigu mitluba. Il-Qorti sostniet li r-rikors tat-18 ta' Dicembru 2015 in kwantu intalab il-hrug ta' ordni ta' inibizzjoni totali, ma kienx ser jirrispetta l-bilanc u l-proporzjonalita

mehtiega biex tissalvagwarda d-drittijiet taz-zewg partijiet u dan ghar-ragunijiet moghtija fid-digriet. Pero kif sostniet din il-Qorti a rigward tal-impozizzjoni ta' garanzija, li l-ligi stess taghti bhala alternattiva, ic-cirkostanzi li jridu jittiehdu akkont huma differenti u l-proporzjonalita u l-bilanc mehtieg fid-drittijiet tal-partijiet setghu jigu milhuqa b'ghoti ta' garanzija moderata u dan meta qieset li hemm ir-riskju mhux negligibbli ta' irrimedjabilita fil-konfront tas-socjeta King.com jekk is-sitwazzjoni tibqa' mhux indirizzata tenut kont tal-fatturi elenkati mill-Qorti fid-digriet taghha tat-18 ta' April 2016. Hi l-fehma tal-Qorti illi s-socjeta Storm8 Studios ma gabitx raguni sufficjenti ghaliex din il-Qorti ghandha tirriforma l-parti tad-digriet fejn imponiet garanzija u l-argumenti li ngiebu f'dan ir-rikors gia gew trattati fid-digriet tat-18 ta' April 2016 u ma ssib xejn gdid li ggeghla tirriforma dak deciz fid-digriet tat-18 ta' April 2016. Il-Qorti ma tqis illi l-impozizzjoni ta' garanzija hi tali li ser tkun ta' 'barrier to legitimate trade' kif donnu implikat is-socjeta Storm8 Studios meta rreferiet ghall-artikolu 3 tad-Direttiva liema artikolu hu wiehed generali ghal kull forma ta' mizura protettiva u provvizorja. Lanqas tqis l-argument tas-socjeta Storm8 Studios illi s-socjeta King.com ma hix issofri xi pregudizzju ta' danni ghax hi l-fehma tal-Qorti illi l-allegazzjoni li bl-uzu tat-trademark is-socjeta Storm8 Studios qed tipprofitta ruhha b'dannu ghas-socjeta King.com hi gia pregudizjevoli fiha nfisha. il-fatt li mill-ftit provi prodotti jidher li s-socjeta king.com hi finanzjarjament iktar b'sahhitha mis-socjeta Storm8 Studios, ma jfissirx b'daqshekk li t-telf li allegatament is-socjeta King.com qed issofri ghandu jigi skartat u mhux kawtelat. Hu minnu illi dawn il-mizuri huma effettivi ghal perjodu ta' soprasessjoni pero dan ma jfissirx kif tissottometti s-socjeta Storm8 Studios li tali mizura ma ghandhiex ebda rilevanza darba li s-sahha tal-mizuri jitnehhew malli tintrefa' soprasessjoni u ghalhekk il-mizura ta' garanzija implicitament tista' tintuza ghal skopijiet mhux kontemplati mill-artikolu 104(3) tar-regolament. Il-Qorti tapprezza l-argument tas-socjeta Storm8 Studios pero d-digriet tal-Qorti jwassal biss ghal protezzjoni provvizjorja tas-socjeta King.com pendent s-soprasessjoni kif trid u tippermetti l-ligi. X'ser jigri meta s-soprasessjoni tintrefa' hu ipotetiku u l-partijiet iridu jirregolaw ruhhom skond ir-rizultanzi tal-proceduri esteri.

Ghalhekk dan l-ilment mhux qed jigi milqugh.

Is-socjeta Storm8 Studios qed titlob sussidjarament li flok depozitu jigi ammess garanzija bankarja u dan minhabb ragunijiet ta' telf ta' imghax. Din il-Qorti hasbet

fuqha qabel tat id-digriet taghha tat-18 ta' April 2016 u qieset illi depozitu ta' flus hu l-aktar mezz sikur biex tigi ottemperata bis-shih l-ordni tal-Qorti. Il-Qorti ma tqis ta' pregudizzju t-telf ta' mghax li llum fil-banek hu baxx hafna fuq ammont simili u fi kwalunkwe kaz garanzija bankarja wkoll timponi hlasijiet lil bank li jeffettwa tali garanzija u dan apparti kontestazzjonijiet li jistghu jinsorgu bejn il-partijiet fuq il-kwalita ta' garanzija bankarja li tista' tigi offruta.

Ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

In kwantu ghat-talba dwar iz-zamma tad-dokumenti din il-Qorti ma sabet ebda raguni migjuba mis-socjeta Storm8 Studios li b'xi mod tiggustifika t-talba taghha ghat-tnehhija ta' din l-ordni. Il-Qorti tirreleva illi b'nota tat-2 ta' Mejju 2016, is-socjeta Storm8 Studios ddikjarat li kienet ottemperat ruhha mal-ordni tal-Qorti f'dan ir-rigward skond id-digriet tat-18 ta' April 2016.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mir-rikors tas-socjeta Storm8 Studios billi tichad l-ewwel u t-tielet talbiet tas-socjeta Storm8 Studios, tilqa' t-tieni talba limitatament kif fuq inghad billi d-digriet tat-18 ta' April 2016 kif ccarat b'digriet tas-26 ta' April 2016 ghandu jigi riformat u jaqra kif gej:

> 'Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad il-hames talba tar-rikorrenti filwaqt li tilqa' t-tieni talba u tordna lis-socjeta intimata tiddepozita fir-registru tal-Qorti entro t-3 ta' Gunju 2016 is-somma ta' €750,000 bhala garanzija pendenti s-soprasessjoni tal-kawza mertu ta' dan ir-rikors liema garanzija tibqa' in vigore sa meta l-Qorti tirrevoka l-imsemmija ordni ta' soprasessjoni jew tinghata ordni mod iehor kontra l-impozizzjoni tal-garanzija; f'kaz li s-socjeta intimata tonqos li tottempera ruhha mal-ordni, qed tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti b'effett mill-4 ta' Gunju 2016, li jibqa' validu sa meta l-Qorti tirrevoka l-ordni ta' soprasessjoni jew tinghata ordni mod iehor; tilqa' r-raba' talba u tordna lis-socjeta intimata tipprezenta entro gimghatejn mit-18 ta' April 2016 nota fl-atti tal-kawza fejn tikkonferma li ghandha u ser izzomm fil-pussess u kustodja taghha kull dokument fiskali, bankarju u kummercjali relattivi ghall-loghba minnha uzata u/jew spaccjata kif ukoll kull

dokumentazzjoni relatata u konnessa mall-istess bla ebda limitazzjoni jew eskluzjoni u dan riferibbilment mid-data tad-digriet ta’ soprasessjoni ta’ din il-Qorti sar-revoka tal-ordni ta’ soprasessjoni jew tinghata ordni kuntrarja.’

L-ispejjez tar-rikors hawn degretat illum jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur